MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Numru 1077/2004

Il-Pulizija
(Sp Frans Micallef)
vs
Jan Georg Galea, iben Anthony,
imwieled Attard fit-12 ta' marzu, 1973

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-Imsida, fl-14 ta' awissu, 2003 għal ħabta tal-4.20 p.m. ikkometta reat peress li għamel użu minn computer, b'mod mhux dovut skond it-termini tal-artikoli 337Ċ u 337F tal-Kodiċi Kriminali;
2. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanżi, mingħajr awtorizzazzjoni, għamel użu minn computer proprjeta' ta' Eric J. Fenech Pace, f'isem is-soċjeta' Collis Williams, sabiex għamel 'output' ta' 'data' għall-medjum ta' ħżin li mhux dak li ssoltu kienet tinżamm fih dik id-'data' u ħa pussess ta' xi 'data' jew għamel użu minn dik id-'data';

3. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanżi meta kien jaf li ma kellux l-awtorizzazzjoni, hawn fuq imsemmija, approfitta ruħu mill-pożiżżjoni tiegħu bħala mpjegat mal-kwerelanti, sabiex wettaq ir-reati hawn fuq imsemmija, bi preġudizzju tal-kwerelant, li dak iż-żmien kien il-prinċipal tiegħu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat ġie mpjegat f'april, 2003. Ix-xogħol tiegħu kien ta' technician fuq il-'cash registers'. Ġie mogħti kuntratt regolari bi perjodu ta' prova ta' sitt xhur u irrizenja mill-impjieg ħmistax qabel ma skada l-perjodu ta' prova. Hu kien jopera mis-showroom tal-Gżira fil-waqt li l-'head office' kien il-Belt, Valletta. F'din is-showroom fejn kien hemm eżebiti l-linja ta' 'cash registers' kienu jaħdmu tnejn min-nies. L-imputat li hemmhekk kellu l-workshop tiegħu u is-sales girl li kienet tbiegħ il-'cash registers' u joħroġ l-invoices u tagħmel xogħol ieħor klerikali.

Illi fis-16 ta' ottubru, 2003 Eric Fenech Pace, direttur, flimkien ma David Calleja Urry, general manager, u Romina Camilleri Psaila, sales girl, marru l-Gżira għal ħabta tas-7.00 p.m. Eric Fenech Pace mar hemm biex jassigura ruħu li kollox kien sew billi l-imputat kien ser iħalli l-impieg. Eric Fenech Pace mar fuq il-computer li kien juża l-imputat u fetħu. Waqt li kien qed jara li kollox kien f'postu sab e-mail li ġġib id-data tal-14 ta' awissu, 2003 b'attachment li ġie mibgħut minn dan il-computer lill-indirizz li dak iż-żmien kien ta' l-imputat. L-iżjed ħaġa mportanti f'dan il-messaġġ kien li l-attachment kien fih l-indirizzi u id-dettalji kollha tal-kljneti tal-kumpanija li kienet impjegat lill-imputat.

Illi l-imputat ġie rinfaċċat b'din il-biċċa tax-xogħol minn Eric Fenech Pace iżda hu ċaħad li kien jaf biha jew li bagħat il-messaġġ lilu nnifsu. Kif ingħad hawn fuq in-nies li kellhom aċċess għal dan il-computer kienu l-imputat u Romina Camilleri Psaila. Il-messaġġ intbagħat fl-14 ta' awissu, 2003 iżda jirrizulta li dak in-nhar Romina Camilleri Psaila kienet Għawdex u għalhekk hi ma setgħatx bagħtet dan
il-messaġġ.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Anthony Magro kien xtara cash register mingħand Collis Williams għal ħabta ta' novembru, 2003. Fil-bidu tas-sena 2004 daħlet fis-seħħ rata ġdida tal-VAT u għalhekk il-'cash registers' kollha fil-pajjiż kellhom jinbidlu. Jirrizulta li Anthony Magro ċempel lil Collis Williams biex jimmodifikaw dan il-cash register u talab lil David Calleja Urry biex jibgħatlu technician. Hu kien jaf lill-imputat bħala it-technician u ma ħadiex bi kbira meta rat dieħel il-ħanut tiegħu u għamillu l-modifika meħtieġa. L-imputat ħallielu riċevuta mis-soċjeta' JG Systems Limited. Ftit tal-ġranet wara mar it-technician ta' Collis Williams u Anthony Magro nfurmah li kienu ġew. David calleja Urry informa lil Anthony Magro li l-imputat ma kienx impjegat magħhom u infurmah li l-garanzija kienet skadiet minħabba l-fatt li persuna mhux awtorizzata ħadmet fuq dan il-'cash register' waqt il-perjodu tal-ġaranzija.

Illi ġie prezentat inċident ieħor lil din il-Qorti li ma jistax javalla t-teżi tal-prosekuzzjoni minħabba l-fatt li l-'cash register' ma kienx taħt garanzija u kien il-klijnet stess li talab lill-imputat biex jagħmel il-modifika rikjesta.

Illi fuq l-iskorta tal-provi prodotti l-akkużi kollha ġew pruvati mingħajr ebda dubju dettat mir-raġuni.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 337Ċ u 337F(1) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt lira maltin (Lm500).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------